**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN 27TA' APRIL, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato,  Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **34.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 34.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa permezz ta' email li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba intervent mediku.  **Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **34.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 34.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq punt 33.7.1 hu jrid li jitniżżel li l-bollards fi Triq Bronja ma jaqbilx li jeġġħu jsiru. |
| | | |
| | | |
| 34.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u tletin  - il seduta. |
| | | |
| ***34.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 34.3.1. | | Is-Sindku nfurmat li peress li din hi l-ewwel seduta wara l-elezzjoni ġenerali, ssuġġeriet li ssir laqgħa mal-Ministri tad-distrett u membri parlamentari.    Kien hemm qbil li lill-Ministri u lill-membri parlamentari tad-distrett jiġu mistiedna separati, filwaqt li l-membri parlamentari f'isem il-Partit Nazzjonalista |

| | | |
|---|---|---|
| | | nistednuhom t-tnejn f'daqqa. Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss ikun mistieden l-Onorevoli Omar Farrugia. |
| | | |
| 34.3.2 | | Fil-purċissjoni tad-Duluri kien hawn dgergir min-nies li l-clearance tat-toroq għal purċissjoni. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam mal-purċissjonijiet tal-knisja imma hi xorta pruvat li tirranġa mal-pulizija. |
| | | |
| 34.3.3 | | Is-Sindku qalet li għada ser tkun mistiedna Miss Żurrieq għall-Miss Malta u ser tingħata bukkett fjuri. Stiednet li min irid biex jattendi. |
| | | |
| **34.4b** | | **Il-laqgħa annwali tal-lokalita'** |
| | | |
| 34.4.1 | | Waqt il-laqgħa annwali li saret qabel din is-seduta, ġie moqri r-rapport annwali amministrattiv rivedut. Ma kienx hemm residenti preżenti waqt il-laqgħa, imma r-residenti setgħu jaraw u jisimgħu kollox online. **Dok 2 mehmuż.** |
| | | |
| ***34.5*** | | ***STEDINA – PRESIDENT TAR-REĠJUN PUNENT Is-Sur Sandro Azzopardi*** |
| | | |
| 34.5.1 | | Is-Sindku tat merħba lill-president tar-Reġjun Punent li beda jiffunzjona f'Jannar 2022.<br>Is-Sur Sandro Azzopardi qal li għadu fiż-żmien biex jingaġġa l-istaff tar-reġjun. Bħalissa għandu Segretarju Eżekuttiv u manager fuq il-Waste, manager fuq il-Kultura u manager fuq ir-rural environmental. Ser ikun hemm tender komuni fuq ġbir ta' skart li l-pjan hu li jinbeda minn Diċembru 2022. Hu qal li f'dan ir-reġjun hemm ħafna sfidi, anke għal fatt li bħalissa lanqas għandhom post tagħhom minn fejn jiffunzjonaw.<br><br>Il-ħsieb tiegħu hu li ser ikun hemm iżjed laqgħat mal-kunsilli lokali u kunsillieri responsabbli minn ċertu oqsma.<br>Hu qal li lest li jgħin lil kulħadd u lest li jiġi avviċinat mill-Kunsilli li jkollhom bżonn l-għajnuna tiegħu.<br><br>Il-President Sandro Azzopardi baqgħa preżenti sal-aħħar tas-seduta. |
| | | |
| ***34.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 34.6.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• fi Triq Inglott k/m Triq Ta' Ciantar hemm bus stop li ma jintużax. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq Inglott qabel ma iddur għal Triq San Mikiel hemm bus stop ieħor li hu temporanju għal waqt il-festi tar-raħal u jeħtieġ li meta ma jkunx qed jintuża, jkunu jistgħu jużawh għall-parkeġġ. Kien hemm qbil li t-tabella eżistenti, tinbidel u ssir li waqt il-festi ma jistax ikun hemm parkeġġ u jitneħħew il-bus bays.<br>• Fi Triq Kalang Bugeja ssir mera fuq pole eżistenti. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| 34.6.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li:<br>• ħarġu l-miżuri tal-Unjoni Ewropeja biex jekk il-Kunsill jista japplika għal xi ħaġa, japplika. Kien hemm qbil li ser issir laqgħa mas-Sindku u mal-kunsilliera li jixtiequ jattendu nhar is-Sibt.<br>• Resident minn Triq Filippu Farrugia qal li minflok il-bus stop isiru parking bays, u jitneħħa l-bus stop għax ma tantx jintuża. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Residenta ta' 31 Triq il-Barrieri teħtieġ bankina, kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta ( 20:00) |
| | | |
| 34.6.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato reġgħet staqsiet fuq:<br>• l-aċċess ta' Wied Babu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lid-dipartiment tal-artijiet. Ser jerġgħa jintbgħat tfakkira.<br>• It-Triq il-Wied sal-Belle Veder għandha bżonn kinsa.<br>• Resident għandu fil-pussess tiegħu statwa ta' Santa Katarina li kienet f'razzett. Ir-razzett waqa' u din ġiet restawrata. Hu qed jitlob li din l-istatwa titwaħħal fis-central strip tal-bebbux. Fl-antik l-istatwi kienu jimmarkaw il-konfini tar-raħal u din peress li kienet fi Triq il-Qrendi, qed jiġi ssuġġeriet li terġa ssir fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li fir-roundabout tal-bebbux mhux xieraq li titpoġġa l-istatwa u din il-persuna għandha tiġi avviċinata u jiġi ssuġġeriet li hi titkellem mas-Soċjeta kkonċernata.<br>• Fakkret biex nhar it-Tnejn tinxtered il-kelma li hemm laqgħa Agrarja fis-sala tal-iskola primarja. |
| | | |
| 34.6.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn li terġa tintbagħat default notice lill-kuntrattur tal-ġonna għax la qed issir tisqija u l-anqas fjuri. Hu qal li illum tħawlu ftit fjuri fi Vjal l-Inidpendenza għax kien jaf li ser issir is-seduta.<br>• Kien hemm qbil li terġgħa tintbagħat default notice.<br>• Navviċinaw lill-Enemalta għax qed ikollna diversi toroq bla dawl.<br>• Triq Wied Ganu biex issir sleeping policeman. Ma kienx hemm firem tas-sidien tal-għelieqi, għalhekk ma kienx hemm qbil li ssir.<br>• Faħħar lill-Kunsillier Kyle Mifsud u lil min kien involut fl-attivita ta' Egg hunt day. |
| | | |
| 34.6.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġabar l-informazzjoni fuq it-tiswija fuq il-mitħna tax-Xarolla. Hu staqsa jekk dan il-każ setgħax jiġi evitat.<br>Is-Sindku qalet li ser jinġabru grupp ta' nies biex meta jkunu jafu li ġej riħ qawwi, jingħaqdu u jieħdu ħsiebha dak li jkun hemm bżonn. |
| | | |
| 34.6.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • ġie ssuġġeriet li ssir plakka fil-mitħna tax-Xarolla b'informazzjoni tal-familja li kienet tgħix fil-mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan. Ser jiġi infurmat l-Kunsillier inkarigat.<br>• Fir-rigward ta' festa ħut biex issir konferenza stampa qabel, ħalli tkun parti minn reklamar.<br>• Waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Owen Bonnici kien hemm qbil li ser jgħati l-għajnuna tal-ministeru fir-rigward ta' festa ħut u l-attivita ta' Jum iż-Żurrieq.<br>• Manutenzjoni ta' kanal li sar fi Vjal l-Indipendenza mill-Enemalta jeħtieġ li jsir mill-aktar fiss għax hu ta' periklu għar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet mal-Enemalta diversi drabi fuq dan. |
| | | |
| **34.7** | | **RAPPORTI** |
| | | |
| 34.7.a1 | | Ġie approvat il-*quarterly report* tal-ewwel kwart tas-sena mħejji minn l-accountant tal-kunsill. ***Dok 3 mehmuż.*** |
| | | |
| ***34.8*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***34.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 34.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Infurmat li l-Kunsill irċieva talbiet miż-żewġ soċjetajiet tal-festi, biex jorganizzaw attivitajiet fi Ġnien il-Ġibjun**. Dok 4 anness**. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill irċieva ittra ta' permess mingħand l-Għaqda Karmelitana u Banda QV biex titħaffer trinka fuq il-bankina wiesa f'Misrah Mattia Preti minħabba armar tal-festa u li tali trinka se terġa titwitta u l-bankina titreġġa lura fl-istat li tinsab bħalissa**. Dok 5 mehmuż.**<br>• Infurmat li waqt laqgħa li l-Kunsill kellu maż-Żurrieq Wolves Athletic club kien hemm qbil li it-tiġrija tal-5k fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq issir il-Ħadd l-5 ta' Ġunju. Il-prezz ta' kull parteċipant 'l fuq minn 16 -il sena jkun ta' 15E u tat-tfal ta' taħt il-15 -il sena jkun ta' 8E. Qed jiġi ssuġġeriet li l-Kunsill iħallas għas-servizz ta' uffiċċjali għaż-żamma tat-traffiku u tat- timing tat-tiġrija li huma ta' 680E u 700E rispettivament. Iż-Żurrieq Wolves ASC jieħdu ħsieb ir-reklamar, midalji, trophies, marshalls, il-vettura ta' qabel l-ewwel runner u goody bags. Fir-rigward tal-ambulanza għad iridu jinġabru l-istimi. |
| | | |
| 34.7.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t- tenders li ser jiġu ppublikati fi ftit ġranet oħra li huma dawn :<br>RM 67/02/18<br>Maintenance of Traffic Signs and Road Markings<br><br>RC 67/06/18 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Street Sweeping & Cleaning Services<br><br>CM 67/05/18<br>Contract Management Services<br><br>MA 67/03/18<br>Maintenance of Pavements, Retaining Walls and Culvert Works<br><br>IA 67/04/18<br>Services of Accountant<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsilliera li ser jaġġudikawhom ser ikunu Tiffany Ann Attard, Kaydem Schembri u Joseph D'Amato. Jekk ma jkunx jista Joseph D'Amato jidħol Kenneth Farrugia minn flok. |
| | | |
| ***34.9a*** | | ***Jum iż-Żurrieq*** |
| | | |
| | | Is-Sindku qalet li Ġieħ iż-Żurrieq u Ċittadin Ewlieni ser isiru fit-28ta' Mejju, filwaqt li Festa Ħut isir fid-29 ta' Mejju.<br><br>Is-Sindku qalet li l-kumitat tal-għażla taċ-Ċittadin Ewlieni u Ġieħ iż-Żurrieq, qal li kien hemm applikazzjoni ta' nomina għal xi ħadd mejjet. Kien hemm qbil li għal din is-sena, peress li ma kienx hemm regolament fuq każijiet simili, għandu jingħata premju, imma għal darb oħra għandha titniżżel klawżola li lill-mejtin ma jiġux innominati.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-importanti li n-nies li jiġu nnominati u jieħdu l-premju jkun ħaqqhom veru u mhux jingħata bħal ma ingħata fil-passat. Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsill kellu fiduċja fil-membri tal-Kumitat tal-għażla, dan għandu jitħalla f'idejhom.<br><br>Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jgħati rikonoxximenti lil dawn:<br>• Zurrieq FC<br>• Żewġ segretarji tal-partiti politiċi<br>• Ryan Hili – li ġie fl-ewwel post f'konkors ta' kant<br>• Jessica Gigho – li ġiet l-ewwel f'konkors ta' sport barra minn Malta<br>• Drakard u żewġ żeffiena li pparteċipaw barra minn Malta – ma kienx hemm qbil ma ma ġewx fl-ewwel post<br>• Tifla li ġiet l-ewwel f'San Remo - rridu nivverifikaw jekk l-avveniment sarx f'din is-sena, jekk le ma tingħatax il-premju.<br>• Ex Ministri li kienu ħadmu fuq id-Distrett<br>• Ex kunsilliera li qatt ma ħadu rikonoxximent<br>• Ex Arċiprieti – *ma kienx hemm qbil fuq dan.* |

| | | |
|---|---|---|
| | | Fil-31 t' Mejju issir quddiesa, u tqegħid tal-kuruni fuq il-monumenti. Ser isir ġurnata qabel minħabba li fl-1 ta' Ġunju inzertat l-aħħar erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex fil-ġurnata ta' Jum iż-Żurrieq issir attivita għat-tfal. Kien hemm qbil fuq dan u li lit-tfal jingħataw keychain taż-Żurrieq għall-okkażjoni.<br><br>Is-Sindku ssuġġeriet li navżaw lill-Każini biex jarmaw Triq P P Saydon u Triq il-Kbira bejniethom, bi ħlas, minħabba li mhux ser jagħmlu marċ bil-banda.<br><br>Is-Sindku qalet li ġiet mistiedna fi breakfast show fuq il-TVM biex titkellem fuq Festa Ħut. Hi stiednet lill-kunsilliera li qed jieħdu ħsieb l-attivita. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi ukoll ser tirreklama l-attivitajiet fil-programmi tagħha. |
| | | |
| 34.7 | | Festa ħut:<br>• L-applikazzjonijiet għall-istalls u għal kantanti għall-okkażjoni ta' Festa Ħut infetħu. Is-Sindku qalet li qed ikollha laqgħat mal-kunsillieri Marisa D'Amato u Kyle Mifsud li ser jieħdu ħsieb l-attivitajiet.<br>• L-istalls ser jitilgħu bil-polza għal min ser japplika.<br>• Ser ikun hemm laqgħa biex jingħataw tagħrif u regolamenti. L-ewwel laqgħa ser issir nhar it-Tlieta.<br>• Ser jiġu avżati r-residenti tat-toroq taċ-ċentru biex jikkoperaw u ma jippakjawx il-vetturi<br>• Min ma jobdix r-regolamenti tal-Kunsill, jew ma jitħallasx għas-servizz li jkun ta jew fl-attivita' ta' sena oħra ma jkunx jista jipparteċipa.<br>• Aktar tagħrif jingħad fis-seduta li jmiss tal-Kunsill |
| | | |
| ***34.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 34.8.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numri 3. |
| | | |
| ***34.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 34.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €59,565.41<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Tiffany Ann Attard, u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***34.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |

| | | |
|---|---|---|
| 34.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:15 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 11ta' Mejju, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 11 ta' MEJJU, 2022.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**